MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 554/2013

**Go plc (C22334)**

**Vs**

**Jill Churchill**
**ID. 40112A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-19 ta' Settembru, 2013 illi 'l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici 's-somma ta' tlett mija u wiehed u tletin ewro u merbgha u sittin centezmu (€331.64) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40092313 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – estratt mir-Registru Ellettori, u Dok IZY4 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehrit ghas-seduta tas-7 ta' Jannar, 2015 is-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-7 ta' Jannar, 2015 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett mija u wiehed u tletin ewro u merbgha u sittin centezmu (€331.64) bl-imghaxijiet legali, sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------